

32006R1649

L 309/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.11.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1649/2006****tat-8 ta' Novembru 2006****dwar l-applikazzjoni tal-inqas rata ta' rifiżjoni tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti fis-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur****(Verżjoni kodifikata)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd<sup>1</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(3) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tat-tjur<sup>2</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(3) tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 109/80 tat-18 ta' Jannar 1980 dwar l-applikazzjoni tal-inqas rata ta' rifiżjoni fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti fis-settur tal-bajd u laħam tat-tjur<sup>3</sup> ġie emendat sostanzjalment bosta drabi<sup>4</sup>. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, ir-Regolament imsemmi għandu jiġi kodifikat.
- (2) F'każijiet fejn ir-rifiżjoni tal-esportazzjoni tvarja skont id-destinazzjoni, Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifiżjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli<sup>5</sup>, jistabbilixxi li l-parti tar-rifiżjoni, ikkalukulata abbażi tal-inqas rata ta' rifiżjoni, li tkun tapplika fil-jum li fih il-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni jkunu tlestew, għandha tiffallas meta tiġi provduta l-evidenza li l-prodott ħalla t-territorju doganali tal-Komunità.

<sup>1</sup> ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

<sup>2</sup> ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006

<sup>3</sup> ĠU L 14, 19.1.1980, p. 30. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2916/95 (ĠU L 305, 19.12.1995, p. 49).

<sup>4</sup> Ara l-Anness I.

<sup>5</sup> ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 671/2004 (ĠU L 105, 14.4.2004, p. 5).

- (3) Artikolu 4(1) u (7) u Artikolu 5(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 tal-4 ta' Marzu 1980 fuq il-ħlas bil-quddiem ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni rigward prodotti agrikoli<sup>6</sup>, jagħtu lok għall-parti tar-rifużjoni kkalkulata abbażi tal-inqas rata li titħallas hekk kif il-prodott ikun tqiegħed taħt proċedura speċjali stabbilita bir-Regolament imsemmi.
- (4) Jista' jagħti l-każ li, taħt l-arranġamenti speċjali mfassla flimkien ma' ċerti pajjiżi terzi, ir-rata tar-rifużjoni li tapplika għall-esportazzjonijiet lejn dawk il-pajjiżi li għandhom ċerti prodotti fis-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur tkun iktar baxxa, u xi drabi sostanzjalment iktar baxxa mir-rifużjoni li tiġi applikata s-soltu. Xi drabi jiġri wkoll li ma tiġi ffissata l-ebda rifużjoni.
- (5) L-iktar rata baxxa ta' rifużjoni tirriżulta wkoll mill-fatt li ma tkunx ġiet iffissata rifużjoni.
- (6) Fejn ma tkunx ġiet iffissata r-rifużjoni għall-esportazzjonijiet, il-miżuri introdotti fl-Istati Uniti jiggarrantixxu li l-prodotti li kkwalifikaw għar-rifużjoni għal destinazzjonijiet oħra ma jisgħux jiġu impurtati f'dak il-pajjiż. Għandha tiġi provduta eċċezzjoni għad-determinazzjoni tal-inqas rata ta' rifużjoni tal-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti. L-esperjenza turi li l-prodotti in kwistjoni jistgħu jikkwalifikaw għal din l-eċċezzjoni mhux biss fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 iżda wkoll fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4(1) u (7) u Artikolu 5(1) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 565/80.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam tat-tjur u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Il-fatt li l-ebda rifużjoni mhija ffissata għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 010511, 010512, 010519, 0207 (minbarra 020734, 02071391, 02071491, 02072691, 02072791, 02073591, 02073681, 02073685 u 02073689), 0407, 0408 u 160232 li jiġu esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika ma jiġix ikkunsidrat:

għad-determinazzjoni tal-inqas rata tar-rifużjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999,

Għall-applikazzjoni tal-Artikoli 4(7) u 5(3) tar-Regolament (KEE) Nru 565/80.

#### *Artikolu 2*

Ir-Regolament (KEE) Nru 109/80 huwa rrevokat.

---

<sup>6</sup> ĠU L 62, 7.3.1980, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 444/2003 (ĠU L 67, tat-12.3.2003, p. 3).

Referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness II.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*José Manuel BARROSO*

**ANNEX I.**

IR-REGOLAMENT IMĦASSAR BL-EMENDI SUĊĊESSIVI TIEGĦU	
Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 109/80  (ĠU L 14, 19.1.1980, p. 30)	
Ir-Regolament (KEE) Nru 1475/80  (ĠU L 147, 13.6.1980, p. 15)	It-tieni inċiż tal-Artikolu 1(3) biss
Ir-Regolament (KEE) Nru 3987/87  (ĠU L 376, 31.12.1987, p. 20)	Artikolu 4 biss
Ir-Regolament (KEE) Nru 1737/90  (ĠU L 161, 27.6.1990, p. 25)	
Ir-Regolament (KEE) Nru 3779/90  (ĠU L 364, 28.12.1990, p. 9)	Artikolu 2 biss
Ir-Regolament (KE) Nru 2916/95  (ĠU L 305, 19.12.1995, p. 49)	It-tieni inċiż tal-Artikolu 1(1) u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(2) biss

**ANNEX II**

TABELLA TA' KORRELAZZJONI	
Ir-Regolament (KEE) Nru 109/80	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
—	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
—	Anness I
—	Anness II